

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1925

tal-31 ta' Ottubru 2016

**li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/17 li tawtorizza lir-Renju Unit biex jipprojbixxi l-użu ta' varjetà ta' qanneb elenkata fil-Katalgu Komuni ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli fuq it-territorju tiegħu, skont id-Direttiva 2002/53/KE**

(notifikata bid-dokument C(2016) 6860)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-varjetajiet komuni ta' katalgi ta' speċi ta' pjanti agrikoli <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 32(6) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> jistipula li biex jiġi evitat l-appoġġ għall-produzzjoni ta' wċuħ tar-raba' illegali, iż-żoni li jintużaw għall-produzzjoni tal-qanneb għandhom ikunu eliġibbli biss jekk il-varjetajiet imkabrin ikollhom kontenut ta' tetraidrokannabinol (THC) li ma jkunx iżjed minn 0,2 %.
- (2) L-Artikolu 45(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 <sup>(3)</sup> jistabbilixxi li jekk, għat-tieni sena, il-medja tal-kampjuni kollha ta' varjetà partikolari tal-qanneb taqbeż il-kontenut tat-THC kif stipulat fl-Artikolu 32(6) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-Istat Membru għandu jitlob awtorizzazzjoni biex jipprojbixxi l-kummerċjalizzazzjoni ta' din il-varjetà skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2002/53/KE.
- (3) Fit-28 ta' April 2015, il-Kummissjoni rċeviet talba mingħand ir-Renju Unit għall-awtorizzazzjoni biex jipprojbixxi l-kummerċjalizzazzjoni tal-varjetà tal-qanneb Finola, billi l-kontenut ta' tetraidrokannabinol tiegħu qabeż l-ammont tal-kontenut awtorizzat ta' 0,2 % għat-tieni sena konsekuttiva.
- (4) Wara din it-talba, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/17 <sup>(4)</sup> u awtorizzat lir-Renju Unit biex jipprojbixxi l-kummerċjalizzazzjoni ta' dik il-varjetà tal-qanneb fit-territorju tiegħu.
- (5) Fil-15 ta' Marzu 2016, ir-Renju Unit informa uffiċjalment lill-Kummissjoni li wara ttestjar ulterjuri ta' kampjuni tal-varjetà tal-qanneb Finola, ġie skopert li l-kontenut ta' THC għall-2014 ma kien jaqbeż il-limitu ta' 0,2 % kif stabbilit fl-Artikolu 32(6) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.
- (6) F'dan ir-rigward, ir-Renju Unit talab li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/17 titħassar.
- (7) Għalhekk, dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni għandha titħassar.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

<sup>(1)</sup> ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità (ĠU L 227, 31.7.2014, p. 69).

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/17 tas-7 ta' Jannar 2016 li tawtorizza lir-Renju Unit biex jipprojbixxi l-użu ta' varjetà ta' qanneb elenkata fil-Katalgu Komuni ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli fuq it-territorju tiegħu, skont id-Direttiva 2002/53/KE (ĠU L 5, 8.1.2016, p. 7).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**It-Tħassir tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/17**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/17 titħassar.

*Artikolu 2*

**L-Indirizzati**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u lill-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Ottubru 2016.

*Għall-Kummissjoni*  
Vytenis ANDRIUKAITIS  
*Membri tal-Kummissjoni*